MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 36/2006

Joe u Rita konjugi Portelli

vs

Charlie Cefai ghan-nom u bhala legittimu rapprezentant ta’ ibnu minuri Josef Cefai, u lil Rose mart l-istess Charlie Cefai

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-atturi Joe u Rita konjugi Portelli li jghid hekk :

“Peress illi fil-25 ta’ Lulju 2005, f’Zaki Street, Zebbug, Ghawdex, il-konvenuti Rose Cefai u binha Josef Cefai volontarjament ikkawzaw diversi hsarat fuq zewg vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni, wahda ELX-999 tat-tip Fiat Punto, u l-ohra FBG-872 tat-tip Ford van, proprjeta’ ta’ l-atturi, liema hsarat jikkonsistu fil-qsim tal-windscreen tal-van Ford FBG-872, il-mera ta’ gewwa ta’ l-istess van, kif ukoll ikkagunaw hsarat fil-vettura ELX-999 billi faqghulha

tyre u kkagunaw tatina ohra fuq il-body taghha, u oltre dan ikkagunaw hsarat fuq il-bieb tal-garage tal-atturi.

Peress illi l-hsarat jammontaw ghas-somma ta' mitejn, sebgha u tletin lira maltin u sebghin centezmu (Lm237.70c), kif jidher car mill-kopja tal-ircevuti minn dokument A sa dokument D.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti l-ghaliex m'ghandhomx jigu :

1. Dikjarati responsabbli ghal hsarat ikkagunati fuq zewg vetturi ELX-999 u FBG-872, u l-bieba tal-garage f'Zaki Street, Zebbug, proprjeta' tal-atturi;

2. Tikkundannahom ihallsu l-ammont ta' mitejn, sebgha u tletin lira u sebghin centezmu (Lm237.70c).

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet skond il-ligi, inkluz ittra bonarja tal-5 ta' Gunju 2006, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta tal-konvenuti li tghid hekk :

"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-kovenuti ma kkawzaw l-ebda hsarat fil-vetturi indikati fl-Avviz. Fil-jum tal-25 ta' Lulju 2005 kien l-attur Joe Portelli illi spara arma tan-nar u kkawza griehi gravi fuq il-persuna ta' Franky Cini kif ghad irid jirrizulta lil dan it-Tribunal matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema' lill-atturi bil-gurament.

Ra d-dokumenti kollha minnhom esibiti.

Ikkunsidra :

Mill-provi jirrizultaw dawn il-fatti :-

(i) Fil-25 ta' Lulju 2005, inqala' incident bejn l-attur u certu Frank Cini, wara li dan Frank Cini kien allegatament rass bit-trakk tal-haxix tieghu mal-vettura Fiat Punto ELX-999, proprjeta' tal-atturi, waqt li din kienet ipparkjata fi Triq Il-Madonna Tac-Ciccri, Zebbug, Ghawdex, meta dak il-hin l-attrici u bintha Linette Portelli kienu ghadhom kemm waqqfu biex jidhlu fid-dar ta' omm l-attrici, u girfilhom il-karozza;

(ii) Dan l-incident eskala ruhhu ghal aktar glied u ncidenti li graw u komplew quddiem id-dar li l-atturi ghandhom fiz-Zebbug, Ghawdex, fi Triq Zaki, bejn l-attur u Frank Cini, u bejn l-attrici, Rose Cini, l-konvenuta Rose Cefai, u Josef Cefai, iben il-konvenuti;

(iii) Il-konvenuta Rose Cefai allegatament taghat xi daqqiet bil-lasta tal-ixkupa fuq il-winscreen tal-van Ford FBG-872, u ddanneggjat il-windscreen u allegatament kissret ukoll il-mera tan-naha ta' gewwa tal-van ukoll bil-lasta tal-ixkupa;

(iv) Josef Cefai allegatament ta wkoll xi daqqiet fuq il-vettura Fiat Punto ELX-999, u qasam wiehed mit-tyres ta' din il-karozza, u gera wara l-attrici biex jaghtiha xebgha, u wara li din dahhlet u ssakret fil-garage taghha, dan allegatament ta xi daqqiet fuq il-bieb tal-garage tal-aluminium, u allegatament ghamel hsara fuq wahda mill-pannelli ta' dan il-bieb.

Dawn il-fatti bl-ebda mod ma gew ikkontradetti mill-konvenuti anzi' fir-risposta taghhom il-konvenuti jaghmlu riferenza ghall-incident li kien hemm bejn l-attur u Frank Cini.

Il-konvenuti minkejja li nghataw zewg opportunitajiet biex iressqu l-provi taghhom fl-udjenzi tas-27 ta' Frar 2007 u tat-22 ta' Marzu 2007, baqghu ma deherux u lanqas ma ressqu ebda provi taghhom.

Wara li t-Tribunal ezamina bir-reqqa x-xhieda tal-atturi, filwaqt li huwa soddisfatt li l-hsara fuq il-windscreen u l-mera tal-van tat-tip Ford bin-numru ta' registrazzjoni FBG-872 giet ikkawzata mill-konvenuta Rose Cefai, u l-hsara fuq il-bieb tal-garage giet kkawzata minn binha Josef Cefai, kif ukoll l-hsara fuq it-tyre tal-karozza tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ELX-999, pero' il-girfa fuq din il-vettura ma jirrizultax li giet ikkawzata minn Josef Cefai izda kif xehedu l-istess atturi, kien Frank Cini li kkaguna l-girfa fuq il-karozza Fiat Punto. Ma jirrizultaw ebda taghtiniet fuq din il-karozza, izda biss girfa.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, u l-artikoli 1034 u 1045 tal-Kodici Civili Kap.16.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tal-atturi limitatament ghas-somma ta’ mija u disghin liri maltin u hamsin centesimi (Lm190.50) li jirrizultaw mill-ircevuti dokumenti A, C, u D, u eskluzi l-ispejjez li saru biex giet irrangata l-girfa fuq il-vettura Fiat Punto ELX-999, li ma jirrizultax li din giet ikkawzata minn Josef Cefai, u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom li jhallsu lill-atturi s-somma ta’ mija u disghin liri maltin u hamsin centesimi (Lm190.50), bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data ta’ din id-decizjoni sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tal-atturi nkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra nterpellatorja tal-5 ta’ Gunju 2006, kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------